MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 572/2009

**Francis Enriquez (K.I. 401842M)**
**Vs**
**Joseph Frendo (K.I. 297249M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ kreditu kanonizzat fis-somma ta’ seba’ mija u sebghin ewro (€770) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta’ tliet mija u hamsin ewro (€350) konsistenti f’somma mghoddija mill-attur lill-konvenut ghal hrug ta’ VISA sabiex certa Svetlana Soboleva tkun tista’ tigi Malta u in kwantu ghal erba’ mija u ghoxrin ewro (€420) raprezentanti spejjez inkorsi mill-attur ghal hrug ta’ *air ticket* minnu mixtri ghall-istess Svetlana Soboleva fuq struzzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra li l-konvenut gie notifikat fis-27 ta' Settembru, 2009 bl-atti tal-kawza izda ntavola r-risposta tardivament fit-30 ta' Settembru, 2009. It-Tribunal ra li kien hemm kontestazzjoni ghar-risposta tardiva. Sema' lill-konvenut jixhed sabiex jiggustifika l-kontumacja, izda ma kienx sodisfatt bil-gustifikazzjoni tal-kontumacja u t-Tribunal ipproceda bis-smiegh tal-kawza fejn iddikjara li kien ha jisma' lill-konvenut jixhed dwar il-fatti.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema' u ra x-xhieda ta' Francis Enriquez, Joseph Frendo, Mary Cilia, Joseph Cremona w l-avukat Chris Spiteri,

It-Tribunal semgha t-trattazzjoni tal-konvenut.

**Ikkunsidra:**
Illi mill-provi attrici irrizulta li l-attur hallas €770, in kwantu €370 ghal hrug ta' VISA ghal Malta mir-Russja w €420 ghal biljett tal-ajru minn Moska lejn Malta. Il-flus harighom l-attur ghal Svetlana Soboleva, mara ta' nazzjonalita' Russa. In retroxena gara li l-attur sar jaf illi l-konvenut seta' jirrangalu sabiex jissieheb ma' mara Russa f'Malta, peress illi mart il-konvenut kienet taf xi nies li setghu jghinuh. Meta gie muri, mill-konvenut, ir-ritratt ta' Soboleva, l-attur qal li ghogbitu. Sussegwentement ftiehmu li tigi formalizzata *invitation letter* quddiem nutar, li l-attur jixtri l-biljett ta' l-ajru Moska-Malta u jhallas lill-konvenut €370 ghal hrug ta' VISA ghal Soboleva. Iltaqghu ghand in-Nutar Falzon u n-nutar ipprepara *invitation letter* ghal din il-mara.

It-Tribunal jirrileva l-*invitation letter* hija prova lid-dipartiment tal-Immigrazjoni f'pajjizna li persuna f'dan il-kaz ta' nazzjonalita' Russa qieghda tigi mistiedna mill-attur f'daru a spejjez tieghu u li huwa responsabbli ghaliha matul il-btala taghha.

Din l-ittra saret. L-attur qata' l-biljett tal-ajru u sussegwentement tah il-biljett ta' l-ajru, flimkien mall-*invitation letter* u €370 ghal VISA lill-konvenut sabiex

jibghat il-flus lil Soboleva sabiex tfittex tapplika ghal VISA. Irrizulta li wara gimghatejn, il-konvenut talab is-somma ta' hames mitt ewro (€500) sabiex Soboleva tkun tista' thallas l-ispejjez ghal vjagg fuq l-art bejn is-Siberja minn fejn originat lejn l-ajruport ta' Moska u jkopru lejl f'Hotel f'Moska. L-attur irrifjuta li jhallas oltre dak li kien hallas u ppretenda li jibqa' bil-ftehim li kellhom bejniethom. Illi fil-gurnata li kellha tasal Soboleva, l-attur mar l-ajruport u prezenti kien hemm ukoll il-konvenut u martu, flimkien ma' koppja ohra. Qal illi wara li wasslet it-titjira minn Moska, Soboleva baqghet ma tfaccatx u gie allegat mill-attur illi l-konvenut kien qallu li jekk ried jara lil Soboleva huwa kellu jhallas €500 ewro. L-attur qal illi dak il-hin kien dispost ihallas is-somma mitluba mill-konvenut, jekk kemm-il darba titfacca Soboleva izda l-konvenut injorah u wara hafna telaq mill-ajruport.

It-Tribunal sema' lill-avukat Spiteri bhala rapprezentant tas-socjeta' Air Malta jikkonferma li Svetlana Soboleva kienet waslet Malta fit-30 ta' Mejju, 2009 fuq titjira minn Moska wara li l-biljett ta' l-ajru kien gie mibdul mill-*booking* originali li kien sar fil-15 ta' April, 2009. L-ewwel *booking* kien sar fil-15 ta' April, 2009 u l-biljett gie maqtuh fis-16 ta' April, 2009. Originarjament il-passigiera Svetlana Soboleva detentur ta' passaport Russu bin-numru, 701 459 559 kienet ibbukjata ghal Malta fis- 27 ta' Mejju, 2009 bit-tluq lura ghat-30 ta' Gunju, 2009. Il-biljett gie mibdul darbtejn. Fis-26 ta' Mejju, 2009 l-istess biljett gie mibdul ghad-29 ta' Mejju, 2009 u rega' fl-ahhar gie mibdul ghat-30 ta' Mejju bir-ritorn ghal Moska fit-28 ta' Awissu, 2009. Spiteri kkonferma illi Soboleva kienet telqet minn Malta fit-28 ta' Awissu, 2009.

It-Tribunal sema' lill-konvenut jixhed illi huwa agixxa t' intermedjarju u li s-servizz mitlub minnu gie rez.

It-Tribunal ra l-*invitation letter* maghhmula quddiem in-Nutar Pierre Falzon, li huwa dokument mitlub mill-awtoritajiet tal-Immigrazzjoni lokali qabel ma tinhareg VISA lill-passigier, bhala konferma li l-persuna li qieghda tistieden tidhol responsabbli ghas-soggorn tal-mistiedna u

li huwa ghandu mezzi bizzejjed sabiex imantni l-mistiedna tul iz-zjara.

It-Tribunal ra li originarjament Soboleva kellha tasal Malta fid-29 ta' Mejju, 2009 izda fil-fatt kienet waslet Malta fit-30 ta' Mejju, 2009 minhabba xi tibdil fil-biljett tal-ajru u ra li telqet Malta fit-28 ta' Awissu, 2009. Ra li dan il-biljett gie mibdul darbtejn. Illi l-*contact name* mal-linja tal-ajru Air Malta Plc ghall-*booking* kien imnizzel bhala 'Enriquez' bin-numru tal-mobajl tieghu, izda l-attur ikkonferma li ma kienx ghamel ebda tibdil fil-biljett tal-ajru mhallas minnu li *d'altronde* ma kienx iktar fil-pussess tieghu.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal li huwa minnu li l-konvenut kien qieghed jagixxi ta' intermedjarju. Illi l-attur ghogbitu mara fuq ritratt li kien ra u kien dispost ihallas sabiex igibha Malta u jdahhalha f'daru ghal tlett xhur minghajr qatt ma jkun iltaqa' maghha. Illi m'hijiex il-kompetenza tat-Tribunal jindaga u jiddelibera dwar din l-istedina. Irrizulta li ghalkemm il-konvenut kien accetta li jirrangalu sabiex igib lill-attur mara ta' nazzjonalita' Russa ghal btala huwa kien qieghed jagixxi biss bhala *front man* ghal terzi persuni. Illi t-Tribunal m'ghandux il-kompetenza li jiddelibera dwar l-immoralita' tat-transazzjonni izda ha jillimita ruhu biss ghal funzjoni li kellu Frendo skont il-ligi. Il-konvenut ftiehem mall-konvenut li jirrangalu sabiex igiblu mara mir-Russja. Huwa baghat il-flus, il-biljett tal-ajru u l-'*invitation letter' tramite* martu ta' nazzjonalita' Russa, lil certa Olga Minaeva habiba tal-mara tal-konvenut sabiex hija taghmel kuntatt ma' Soboleva. Irrizulta li wara li kienu ntbaghtu l-flus  lil Olga Minaeva f'Rostov, hija talbet somma ulterjuri ta' €500 sabiex ikopru l-ispejjez tal-vjagg ta' Soboleva mis-Siberja lejn Moska wara li diga' kien hallas €370 ghal VISA li fil-fehma tat-Tribunal huwa hlas ezagerat ghal tourist VISA li normalment ma jiswiex iktar min €40 u b'hekk l-ispejjez tal-vjagg fir-Russja ta' Soboleva kellhom ikunu koperti. Sema' li mart il-konvenut ghandha xi hbieb li jghinuha ggib persuni f'Malta sabiex jiltaqghu ma' irgiel Maltin. Il-kuntatt tal-mara tal-konvenut barra minn Malta huwa Olga Minaeva. Illi di fatti s-somma ta' €370 intbaghtet lil Olga Minaeva *tramite* Western Union Money Transfer fit-30 ta' April, 2009 u cioe' gimghatejn wara li

kien inqatgha l-biljett. Dawn il-flus kien baghathom il-konvenut. Illi dawn il-flus kellhom jintuzaw ghal-VISA. Somma li jirrizulta eccessiva lit-Tribunal ghal tourist VISA mahrug mill-awtoritajiet lokali mill-Ambaxxata Maltija f'Moska.

Illi jekk wiehed jsegwi il-passi li ha l-konvenut, ghandhom jissodisfaw lill-attur. Illi primarjament minkejja li l-flus ghal VISA intbaghtu lil terzi, (Olga Mianeva), irrizulta li fil-fatt Soboleva rceviet il-biljett, il-VISA inhargitilha ghal Malta u hija fil-fatt kienet waslet Malta u qaghdet hawn ghal tlett xhur. Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut issodisfa l-kriterji miftiehma bejn il-partijiet. Illi jekk kemm-il darba l-attur ma kienx sodisfatt huwa kellu jirrikorri ghal rimedji ohra.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi kif appena ra li din il-mara li kienet mistiedna tieghu ma tfaccatx Malta, kellu d-dover li jirrapurta dan il-fatt lill-awtoritajiet f'Malta partikolarment meta huwa kien beda jissuspetta li Soboleva kienet fil-fatt waslet Malta. Illi l-'*invitation letter'* kienet saret f'ismu u ghaldaqstant huwa kien iddikjara lill-awtoritajiet ta' l-Immigrazjoni Maltija li huwa kien responsabbli ghas-soggorn ta' Soboleva f'Malta. Illi huwa minnu ukoll illi l-flus ma ntbaghtux is-Siberja (fejn gie allegat li tghix Soboleva) izda ghand mara f'pajjiz li jissejjah Rostov, ferm 'il boghod mis-Siberja. Illi din Olga Minaeva kienet qieghda tagixxi bhala intermedjarja ghal din il-mara Russa li kellha tingieb Malta ghal btala minn fuq dahar l-attur. Illi donnu l-problemi rrizultaw meta l-attur irrifjuta li jhallas €500 ohra sabiex Soboleva thallas ghal-vjagg bejn is-Siberja u Moska u ghall-lejl wiehed f'lukanda f'Moska.

Wara li sema' u evalwa l-provi li ngabu qudiemu, t-Tribunal huwa sodisfatt illi legalment, il-konvenut ma jistax jinzamm resposnabbli ghall-agir ta' terza persuna. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi meta l-attur accetta li jistieden f'daru w li joffri li jhallas passagg bl-ajru ghal mara lilu skonoxutu, kellu jifhem illi din l-istedina seta' jkollha certi riski. Hija l-fehma tat-Tribunal li l-konvenut ma seta' qatt ikollu kontrol assolut fuq il-persuna mistiedna u jekk din dehrilha li ma tmurx fl-indirizz mitlub minnha hadd ma seta' jobbligaha ghaliex wara kollox kienet biss stedina.

It-Tribunal huwa konvint illi mart il-konvenut f'Malta u Olga Minaeva fir-Russja jlaqqghu nisa Russi ma' rgiel Maltin ghaliex kif qal il-konvenut huwa ma eskludiex illi martu kienet ghenet irgiel Maltin ohrajn. Izda fil-kaz in dezamina t-Tribunal ma giex mitlub jiggudika il-moralita' tal-ghazla li jkunu qeghdin jaghmlu l-irgiel u nisa nvoluti f'kazijiet simili. Izda l-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa biss li jevalwa t-talba quddiemu u jiddelibera jekk il-konvenut huwiex debitur lejn l-attur fis-somma ta' €770, jew le.

Illi hija l-fehma  tat-Tribunal li l-fatt li Soboleva wasslet Malta u qaghdet Malta ghal tlett xhur shah, bi ksur tal-kundizzjonijiet imnizzla fl-*invitation letter* iffirmata mill-attur, m'ghandux jahti l-konvenut. Il-konvenut kien ezegwixxa dak li ntalab minnu mill-attur. Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut ma eskludiex illi l-mara tieghu kienet tghin nisa ohra jaslu Malta sabiex jissiehbu ma' rgiel Maltin.  Izda qal ukoll illi ma kienx minnu illi l-konvenut kien qal lill-attur li jekk kien ha jaghtih il-hames mitt ewro (€500) kien ha jlaqqghu ma' Soboleva.

Illi fil-kaz odjern dak li jholl u jorbot huwa jekk il-konvenut wettaqx l-obbligi tieghu skont il-ftehim pattwit bejn il-partijiet u fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut wettaq l-obbligi tieghu u ma jidhirlux illi l-attur ipprova l-kaz tieghu.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, jemmen illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim u l-konvenut wettaq dan il-ftehim peress illi Soboleva fil-fatt nhargitilha l-VISA lejn Malta u gie kkonfermat illi Soboleva waslet Malta u baqghet hawn bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-*invitation letter* tal-attur ghal tlett xhur shah. Illi minn naha tieghu, l-attur ma dehrlux li kellu jaghmel ebda rapport wara li nharget l-*invitation letter* f'ismu, lill-awtoritajiet Maltin. Illi jekk kemm-il darba Soboleva m'onoratx il-ftehim li kellha skont l-*invitation letter*, l-attur kellu d-dmir li jirraportaha lill-awtoritajiet u semmaj ghandu jfittex lilha u mhux lill-konvenut ghall-ispejjez inkorsi minnu. Illi Soboleva mhux biss inghatat VISA mill-awtoritajiet Maltin,  mhallsa mill-attur a bazi tal-*invitation letter* f'isem l-attur u kienet uzat il-biljett ta' l-ajru izda gawdiet btala minn fuq dahar l-attur.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur.

Spejjez ta' din l-istanza sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------